# NEWS&VIEWS

Down Syndrome Association Malta
December 2016 ISSUE NO. 43
Newspaper Post



Our Mission is to provide the means necessary to empower individuals who have Down syndrome to reach their full potential.

Our Vision is to become a model organisation that will not cease until every person who has Down syndrome is a valued member of society.

## SERVICES:

- Parental Support
- Weekly Aerobics
- Monthly mass and tombola, First Friday of month
- Social activities for our members
- Yearly magazine
- Talks and fora

## MEMBERSHIP:

Full members:
Annual: €2.50 Life: €25.00

Associate members:
Annual: €5.00 Life: €35.00

## EDITORIAL CONTRIBUTIONS:

Esperjenzi, artikli u ittri mill-qarrejja għal dan il-magażin huma dejjem milqugħa.

Experiences, articles and letters from our readers to this magazine are always welcome.

*Association Contacts:*
**info@dsa.org.mt**
**Tel: 21 235 158**

VO/0159

45, South Street,
Valletta VLT 1101, Malta
Tel: 2123 5158
http://www.dsa.org.mt
e-mail: info@dsa.org.mt

Founded 1981

Member of the

Federazzjoni Maltija tal-Organizzazzjonijiet Persuni b'Dizabilita (F.M.O.P.D.)

Associate Member of

EUROPEAN DOWN SYNDROME ASSOCIATION

Down Sydrome International

PATRON
H.E. The President of Malta

HON. PRESIDENTS
Mary Runza
John L. Peel

PRESIDENT
Joeanna Xerri

VICE PRESIDENT
Anthony Wetz

SECRETARY GENERAL
Marija Laura Mifsud

TREASURER
Konrad Borg Myatt

MEMBERS
Patrick Umanah, Anna, Farrugia, Alice Farrugia
Joe Borg Bonello (rep. of A/Members),
Debbie Borg, Ivonne Gellel, Antoine L. Gauci,
Gayle Borg, Maria Gauci, Mrs Marthese Mugliette
(Association Advisor)

CHIEF ADVISOR
Dr Isabella Borg
MD,MSc(Clinical Genetics)(Lond),PhD(Cantab),
MMCPath, MMCFD, RGN (Lond)
Consultant Medical Geneticist

LEGAL ADVISOR
Dr. Robert Tufigno

SPIRITUAL DIRECTOR
Fr. Costantino Borg

# Indirizz mill-President

Għeziez membri u ħbieb,



Nixtieq nibda l-ewwel indirizz tiegħi bħala l-President tal-Kumitat il-ġdid, li ġie kkonfermat f'Mejju li għadda, billi nirringrazzja lilkom ilkoll li attendejtu għal-Laqgħa ġenerali Annwali u li ġentilment għoġobkom taċċettaw u tafdaw il-kariga ta' President f'idejja. Għan-nom tiegħi u tal-Kumitat attwali inwegħdkom li ser ngħamlu ħilitna kollha biex naħdmu għall-interess ta' wliedna li għandhom id-Down syndrome u b'hekk ikunu jistgħu jimxu aktar 'il quddiem.

F'isem il-membri kollha tal-Assoċjazzjoni Down Syndrome nirringrazzja lis-Sinjura Marthese Mugliette li kienet il-President tal-Assoċjazzjoni u l-Kumitat uxxenti għax-xogħol siewi li għamlu tul dawn l-għaxar snin. Napprezzaw ħafna li għalkemm is-Sinjura Mugliette m'għadhiex membru tal-Kumitat għadha tagħti ħafna għajnuna u appoġġ biex inkomplu bil-ħidma tagħna.

Nixtieq li bħala membri ta' din l-Assoċjazzjoni nippreżentalkom il-Kumitat il-ġdid li huwa magħmul mis-Sinjuri Anthony Wetz (Viċi President), Marija Laura Mifsud (Segretarja Onorarja), Konrad Borg Myatt (Teżorier), Anna Farrugia (P.R.O.), Debbie Borg (Chairperson Sotto Kumitat), Alice Farrugia (Editriċi tal-Magażine), Joseph Borg Bonell, Yvonne Gellel, Antoine Gauci, Patrick Umanah, Gayle Borg u Maria Gauci – Membri

Aħna bħala l-Kumitat għal dawn is-sentejn li ġejjin ser naħdmu għall-benefiċċju ta' wliedna speċjalment fuq *issues* li jirrigwardaw persuni li għandhom id-Down syndrome u problemi oħra li l-membri tagħna jiltaqgħu magħhom matul kull pass tal-ħajja - żgħar, adolexxenti u adulti. Waħda mis-sitwazzjonijiet li l-Assoċjazzjoni kienet u ser tibqa' tisħoq fuqha hija l-inklużjoni. Ilkoll nafu li l-membri tagħna jibdew isibu l-aktar diffikultajiet minn meta jispiċċaw l-iskola sekondarja sakemm jidħlu fid-Dinja tax-xogħol. Hawnhekk insibu qasma. Aħna qed nahdmu biex jkun hemm konnessjoni minn meta t-tfal tagħna jispiċċaw mis-sekondarja u jaslu biex ikunu ippreparati sew għad-dinja tax-xoghol.




L-appell tiegħi huwa li kulhadd jiġbed ħabel wieħed u ngħinu lil xulxin b'hekk ikollna aktar saħħa biex nilħqu l-miri tagħna.

**Joeanna Xerri**
*President*

# Contents




NEWS&VIEWS
is a bilingual Publication:
mouthpiece of the Down Syndrome Association Malta. It is issued twice yearly and is distributed free.

Pubblikazzjoni bil-Malti u bl-Ingliż, maħruġa mill-Għaqda Down Syndrome Malta, darbtejn fis-sena u mqassma b'xejn.

EDITORIAL BOARD
Alice Farrugia
Joeanna Xerri

Views expressed in this magazine may not necessarily be those held by the Editor or by the Down Syndrome Association.

L-artikli u l-veduti miġjuba f'dan il-magażin mhux bilfors juru l-opinjoni tal-Editur jew tal-Għaqda Down Syndrome.

REPRINT PERMISSION
The Down Syndrome Association (Malta) gives permission to reprint original material printed here. Please credit thus: "Reprinted from 'News & Views', DSA, Malta. Permission to reprint other material must be solicited from the original source.

FRONT COVER
*Group photo with the President of Malta – Down Syndrome Day 2016*

PRINTING
Best Print Co. Ltd, Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789

FACE BOOK
Down Syndrome Association, Malta

Indirizz mill-President ........ 3

Editorial ........ 5

Physical Activity and Exercise are key components of Wellness Lifestyle ........ 6

Kromożoma Żejda Ddawwal lejl imdawwal! (Notte Bianca) ........ 7

Il-*Youth Exchange* Tagħna ........ 8

Equality in Music ........ 10

Għaliex? ........ 11

Activities ........ 12

Jum Dinji tad-Down Syndrome 2016 ........ 14

Memorandum ........ 15

Tnedija tas-Sit Elettroniku ġdid ........ 16

Ringrazzjamenti ........ 17

Participation of athlete with Down Syndrome at the Special Olympics National Games in Cyprus ........ 18

Diskors Amministrattiv tas-Segretarju Ġenerali 20 ta' Mejju 2016 ... 20

**Down Syndrome Association**
45, South Street, Valletta VLT 1101, Malta
Tel: 21235158
http://www.dsa.org.mt

# Editorial

I would like to welcome you all to this year's edition of News &Views. As in previous issues the Down Syndrome Association Malta's magazine is packed with articles and information for members of all ages and their families. In this edition, we are particularly excited to share some of the Association's new projects and the latest development work with you all.



One development which we are particularly pleased to announce, is the recently launched, new Association website. We invite you to visit the website (www.dsa.org.mt) and to contact the Association with any comments you may have.

We are also very pleased that this year the Association was one of the beneficiaries of the President's Award for Creativity, with its project – Equality in Music. Through the project, the Association aspires to share a new method of teaching music to persons with intellectual disability in Malta and thereby enabling wider appreciation and participation in the field of music. We encourge you to read this very interesting article by our President, Joeanna Xerri.

Other items in this issue include snapshots from the various activities held during the year for our members. As you can read in the Administrative report it has been a very busy and fruitful year.

This edition also introduces the new committee members who, together with the other members will continue working to support people with Down syndrome.

With this, I would like to thank the outgoing committee members for all their hard work and dedication thoughout the last two years.

Over the past years, alot has been achieved and with the good work being carried out and your support we will strive to provide a better future for our children and their families.

**Alice Farrugia**
*Editor*

# Physical Activity and Exercise are key components of Wellness Lifestyle

I have created this special class, naming it ‘Special Pops’ specifically for the Down’s Syndrome population and designed it to promote a mixture of endurance, strength, agility, coordination and above all fun through the exercise routines.

During class, which always starts with a warm-up consisting of aerobic exercise, followed by joint mobility stretching, encourages all participants to work together as a team which increases the motivation inside the class and makes the session more enjoyable.

These couple of years have given me a great deal of satisfaction and success, always looking forward to creating new challenges, but most of all, no great feeling can relate to the genuine smiles and new faces always ready to ‘take the lead’!









# Kromożoma Żejda Ddawwal lejl imdawwal! (Notte Bianca)

Id-diversità hija parti mill-ħajja ta' kulħadd, u mhux inqas fil-grupp ta' żgħażagħ tagħna li attendew għal avventura matul dan il-lejl fil-Lejl Imdawwal (Notte Bianca) ġewwa l-Belt Valletta.

Grupp ta' sittax-il ġuvni u tfajla ingħaqdu flimkien għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu biex jibdew din l-avventura ta' lejl flimkien. Mill-bidu nett deher li l-karattri kienu differenti iżda edukati u jirrispettaw lil xulxin. Min iħobb jiżfen mad-diski u min riservat josserva minn taħt, min żaqqu iħobbha ħafna, min qajla jiftaħ ħalqu, min fuq il-komputer jew ċellulari u min jippreferi jsegwi xi film.



Meta wasal ħin l-ikel rajna wkoll kemm iħobbu jmiddu jdejhom dawn iż-żgħażagħ. Ippreparaw il-mejda u ħarġu sa lanqas furketta u tazza. Wara l-ikla kull parteċipant ħasel il-platt tiegħu. Kif lestejna bdejna niddandnu u nippreparaw għal-lejla ta' divertiment. It-tfajliet jilbsu l-ilbiesi, l-irġiel stirati bil-qmis, xi wħud bil-kalma jagħmlu xagħarhom bil-ġel u fwieħa qawwija ma' kullimkien u t-tfajliet jindilku bil-makeup biex jidhru aħjar. Kif lesta kulħadd ħrigna nduru. Kulħadd obda r-regoli u b'hekk stajna nieħdu pjaċir.

L-ewwel post li żorna kienet iċ-Church of Scotland fejn laqawna tajjeb ħafna. Is-Saċerdot mara stednitna biex nibqgħu hemmhekk għaliex kienu ser jgħamlulna wirja bil-pupazzi. Iż-żgħażagħ tagħna apprezzaw ħafna din il-wirja. L-aktar ħaġa li affaxxinathom kien kif jista' jkun li mara tkun Saċerdot u aktar minn hekk mizzewġa.



Ittawwalna l-Parlament u rajna l-Kamra tad-Deputati. Ħaddna wkoll ritratti fejn il-Priministru jagħmel konferenza stampa għall-ġurnalisti. Minn hemm dorna dawra mal-belt u dħalna f'diversi wirjiet u mużewijiet. Fl-aħħar spiċċajna f'Pjazza San Ġorġ inkantaw u niżfnu mal-band li kien hemm. Għalkemm kienu saru nofsilejl kien għad fadlilhom rokkna għall-ġelat. Minn hawn u minn hemm rajna kif ikkuntentajnihom. Kulħadd daħal il-ġewwa u pprepara s-sodda tiegħu biex flimkien temmejna l-lejl.

Mas-sitta kien hemm min qamm u oħrajn ġibduha sat-tmienja. Il-kolazzjon preparajnieh flimkien u wara kulħadd żbarazza l-affarijiet tiegħu biex xħin jaslu l-ġenituri jkollhom kollox preparat. Meta ġew il-ġenituri kollha kienu kuntenti jirrakkuntaw x'għamlu u kemm ħadu gost. Għalina l-isbaħ grazzi li ttelgħana s-sema u timlina b'kuraġġ biex flimkien nerġgħu nwettqu avventura oħra kienet dik id-daħqa u tgħannieqa ta' kull wieħed u waħda qabel ma' telqu.

Nixtieq nikkonkludi billi ngħid li din l-esperjenza setgħet isseħħ biss grazzi għal Debbie Borg, Jane Bonello, Joeanna Xerri, Silvio Xerri u jien Marija Laura Mifsud.

**Marija Laura Mifsud**
*Hons. Secretary*

# Il-*Youth Exchange* Tagħna

Aħna t-tim tar-Radio Valo applikajna għall-proġett tal-Unjoni Ewropea, il-*Youth Exchange*.

Magħna, ingħaqdu żewġ pajjiżi oħra, il-Fillandja u l-Ġermanja. Aħna t-tliet gruppi għaddejna ġimgħa flimkien ġo Witten, Dortmund, il-Ġermanja.

Tlaqna minn Malta fit-28 ta' Frar li għadda u ġejna lura fis-6 ta' Marzu.

Malli wasalna l-airport ta' Dusseldorf, iltqajna ma' sħabna l-Fillandiżi li kienu qegħdin jiġbru l-bagalji bħalna.

Hemmhekk sirna nafu lil xulxin u ħadna l- ewwel ritratti bħala grupp.

Barra l-*airport* sibna ftit mill-grupp Ġermaniż jilqana.

Dawn ġew bil-vannijiet tagħhom biex iwassluna l-lukanda fejn konna ser noqgħodu.

Dakinhar ħadna l-ewwel ikla ta' nofsinhar flimkien, mal-grupp kollu.

Il-laqghat tagħna l-grupp kollu ta' dan il-proġett saru fi *Christopher House*.









F'dan il-proġett iddiskutejna dawn it-tliet *issues*: ***Supported Employment, Independent Living u Leisure.***

Aħna l-parteċipanti Maltin, Fillandiżi u Ġermaniżi kellna l-għajnuna tas- *supporters* tagħna biex għenuna minħabba l-lingwa u anke minħabba l-istess suġġetti magħżula minna. Dan il-proġett kien interessanti ħafna għalina u anke għal sħabna l-barranin. Fil-fatt talbuna nerġgħu nagħmlu proġett ieħor. Ilkoll kemm aħna ddispjaċina ħafna meta spiċċajna dan il-proġett u ġejna biex ngħidu *bye* lil xulxin.

Minbarra li għamilna l-video tagħna dwar dan il-*Youth Exchange*, aħna t-tim tar- Radio Valo għamilna laqgħa mal-Onor Prim Ministru Joseph Muscat u mal-Onor Justyne Caruana, Segretarju Parlamentari għad-Diżabilità.

F'din il-laqgħa aħna infurmajniehom dwar il-proġett tagħna u wkoll urejna x-xewqa tagħna li nerġgħu nagħmlu proġett ieħor ma' sħabna l-Fillandiżi u l-Ġermaniżi, din id-darba f'Malta. Aħna kburin ħafna li aħna nagħmlu parti mit-tim tar-Radio Valo Malta.

**David Cauchi**
**Gayle Mugliette**
**Karl Xerri**
**Nadya Gatt**
**Thomas Buttigieg**
***Radio Valo Malta Team***



# Equality in Music

Equality in Music is a project organised by Radio Valo Team within the Down Syndrome Association Malta. The aim of this project is to give our youth members the opportiunity to play a musical instrument. Youths who have Down syndrome are extremely music lovers.






Mr Markku Kaikkonen the Director of Resonaari Centre who was here in Malta to share with us and work with our youths developed the ***Figure note – notation system*** together with his colleague Mr. Kaarlo Uusikyla. The first contact with Resonaari Music School Centre initiated during the first visit to Finland of the Radio Valo Malta Team. This is a unique school and a centre of expertise working with persons with intellectual disability for the past 20 years. The principle aim of Resonaari Centre is that all learn to play.



Figure method music sheets do not show musical notes, but the text contains the same information as traditional musical notation – patterns used in the cross, ball, square and triangle. The use of color was popular in the past special music education. Today, the pattern notes are available in special music education in several countries around the world. We are introducing this Figure Music System in Malta by means of this project. Our Youths with music written in this format are able to learn and enjoy playing a



musical instrument like their peers.

Music is an international language and another way to communicate. Those who are participating in this project will be able to achieve new skills. They will learn how to co-ordinate with each other, play together in a group, have new incentives, look forward for rehearsals, keep committments and last but not least it will be a great boost for their self esteem.

Our aim is that the Figure Music System will find its way in our schools, especially in the Maltese and Gozitan Music Schools and this would mean another step forward towards inclusion.

**Joeanna Xerri**

# Għaliex?

29 ta' Novembru 2009
Ġurnata importanti li qasmet ħajti fi tnejn
Dak li kont qabel u dak li sirt wara
Dakinhar insterqitli t-tarbija perfetta
U ingħatajt tarbija b'kundizzjoni
Għaliex? Kienet tidwi kontinwament il-mistoqsija
Iżda għaliha ħadd ma kien jaf jagħti t-tweġiba

Illum, seba' snin wara
Indunajt kemm ma kont fhimt xejn
It-tobba donnu ma kienx xogħolhom jispjegawli
Li wara l-kundizzjoni u l-kumplikazzjoni
Kien hemm tifel mill-isbaħ
Tifel mistħi u ferrieħi
Tifel intelliġenti u jaf xi jrid
Tifel kumplimentuż kif ukoll inkejjuż
Tifel li jaf iħobb ta' vera
Tifel li sar prinċep tal-qlub

Id-Down Syndrome, ikolli nammetti
Tatni ħafna rigali f'ħajti
Urietni min huma l-ħbieb ta' veru
Kemm tiswa l-imħabba fil-familja
Min huma l-professjonisti ddedikati
U min huma t-tfal l-iskola bi qlub tad-deheb

Laqqgħatni ma' familji oħra bħalkom
Familji bl-istess esperjenzi
Li flimkien nagħmlu parti minn familja akbar
U permezz tagħhom nagħtu eżempju lis-soċjetà
Ta' kif inġorru d-diffikultajiet bl-ikbar dinjità

Illum seba' snin wara jien persuna ħafna isbaħ
Għaliex issa kelli x-xorti nsir naf dan kollu
Illum m'għadnix nistaqsi "Għaliex?"
M'għandix bżonn tweġiba
Għaliex meta tirċievi aktar
Kulma trid tagħmel tgħid "Grazzi" u ma tistaqsix "Għaliex?"

**Sharon Borg Myatt**

# Activities



Quddiesa tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar



Il-Grupp tal-Aerobics




Jum Dinji tad-Down Syndrome 2016




Attività fil-bidu ta' Jannar



Ħarġa il-Buskett



Laqgħa mal-E.T. Marie Louise Coleiro,
President ta' Malta



Notte Bianca 2016



Playmobil 2016



Ġurnata mal-pool u wara BBQ



Radio Valo f'laqgħa mal-Priministru



Notte Bianca 2016 – Lejl flimkien



Splash and Fun 2016



Attività ta' Hip Hop



Ħarġa ġewwa t-Tempji ta' Ħal Tarxien



Waqt il-quddies fil-Jum Dinji
tad-Down Syndrome 2016



Youth Exchange għall-grupp Radio Valo

# Jum Dinji tad-Down Syndrome 2016

Il-jum tal-21 ta' Marzu 2016, il-Jum Dinji tad-Down Symdrome, jew aħjar kif inhu magħruf World Down Syndrome Day bdejnieh billi ċċelebrajna quddiesa ġewwa l-kappella tas-Sagramenti fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann ġewwa l-Belt Valletta.

Wara l-quddiesa nġbarna kollha quddiem il-Parlament. Minn hawn bdejna mixja sal-Palazz tal-President ġewwa l-Belt fejn kellna laqgħa mal-E.T. il-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca.

Matul din il-mixja akkumpanjana s-Sur Peter Paul Galea mill-grupp Tribali. Huwa għina biex inqajjmu din iċ-celebrazzjoni li flimkien mal-membri tagħna permezz tar-ritmu sabiħ ħloqna aktar għarfien madwarna.

Kif wasalna l-Palazz laqgħatna l-E.T. l-President ta' Malta. Ms Gayle Mugliette waħda mill-membri tal-Kumitat tagħna qrat u ppreżentat Memorandum lill-E.T. għan-nom tal-Assoċjazzjoni tagħna.

Il-Membri tagħna apprezzaw ħafna din il-laqgħa li għamlet il-Jum Dinji tad-Down Syndrome 2016 ġurnata speċjali li jibqgħu jiftakkru.

**Joeanna Xerri**
*President*













Lill-E.T. l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca
Mill-Assoċjazzjoni Down Syndrome
Data: 21 ta' Marzu 2016

Eċċellenza,

Għan-nom ta' sħabi, nixtieq nirringrazzjak talli għoġbok tgħaddi ftit ħin magħna f'dan il-jum għażiż għalina. Illum huwa l-Jum Dinji tad-Down Syndrome, il-ġurnata tagħna. Aħna kuntenti ħafna li darba fis-sena, madwar id-dinja kollha, kulħadd jiftakar fina. Ma nixtiequx li din il-ġurnata tkun ġurnata bħall-oħrajn u huwa għalhekk li ġejna għandek illum, biex nitkellmu miegħek dwar problema li qegħda tfixkilna.

Aħna għandna dritt għall-edukazzjoni, edukazzjoni tul ħajjitna. Nafu li l-edukazzjoni hija l-bażi ta' ħajjitna u li din twassalna biex insibu x-xogħol addattat għalina. Imma aħna għandna problema. Minħabba l-kundizzjoni tagħna, aħna għandna bżonn aktar żmien minn ħaddieħor biex nitgħallmu. Hemm bżonn ta' aktar snin ta' tagħlim professjonali wara li nispiċċaw mis-sekondarja.

Dan it-tagħlim, u t-tul tiegħu, irid ikun tali li jwassalna u jippreparana għad-dinja tax-xogħol. Jekk dan iseħħ, ikun ferm faċli għalina biex bil-għajnuna tas-Supported Employment Programme, li l-Għaqda tagħna ħadmet ħafna għalieh, nidħlu fid-dinja tax-xogħol bl-inqas problemi.

Dan huwa dak li rridu ngħidu f'dan il-jum tagħna – aħna rridu u qegħdin nitolbu għal edukazzjoni adulta professjonali li tippreparana kif suppost għad-dinja tax-xogħol. Aħna kapaċi naħdmu u rridu naħdmu imma għandna bżonn l-għajnuna biex naslu hemm.

Grazzi Eċċellenza

**Gayle Mugliette**




Kinsey French, of Louisville, Kentucky, is a teacher at the Christian Academy Providence School, which helps children with Down syndrome. She made sure that her students were able to attend the event as flower girls and ring bearers. 'They were like family to me,' Kinsey told WLKY . 'They were my first class and they've been my only class, and so I knew I couldn't have a special day without them.'

# Tnedija tas-Sit Elettroniku ġdid

L-għaqda tagħna l-Assoċjazzjoni Down Syndrome ila ħafna taħdem u tistinka biex ikollha sit elettroniku ġdid. Dan l-aħħar ħabbat lil hawn u ħabbat lil hemm sibna l-għaqda tal-MFPA (Malta Footbal Player Association) fejn din offrietilna li bħala ġest ta' benefiċenza tgħamlilna dak li dejjem xtaqna. Sit elettroniku ġdid.

Wara li sibna l-materjal u l-informazzjoni li xtaqna li jidher fuq is-sit tagħna, is-Sur Mamo Segretarju ġenerali tal-MFPA laqqgħana mas-Sur Curmi li ħa ħafna paċenzja bina u wara ħafna xogħol fis-26 ta' Settembru 2016 stajna nniedu dan is-sit ġdid. Issa l-membri tagħna għandhom ikunu kburin bis-sit elettroniku tal-għaqda tagħna.

Nixtiequ nirringrazzjaw minn qalbna lill-MFPA ta' dan il-ġest sabiħ u tas-sapport li tawna biex fl-aħħar ikollna sit elettroniku kulurit, modern u informattiv.

**Joeanna Xerri**
*President*









http://www.dsa.org.mt

# Ringrazzjamenti

L-Assoċjazzjoni Down Syndrome għandha benefatturi li sena wara l-oħra jgħinu bil-modi diversi tagħhom biex l-Assoċjazzjoni tkun tista' tkompli tiffunzjona mingħajr xkiel:

- **Mrs Mary Runza and Little Angels**
- **Trelleborg Sealing Solution – Malta (Kumitat Qlub Ġenerużi)**
- **KPMG**
- **MSV life p.l.c**

Matul din is-sena sibna wkoll l-għajnuna ta':

- Eupa (Disability not an Obstacle project)
- MCCF (Funds to replace premises door)
- Donations in Memory of Mr.Dino Stilon (Mrs Stephanie Stilon)
- Good Causes Fund (Computers )
- MFPA (website)
- Mr and Mrs. D. Nen-Yao Chang (Donation)
- Playmobil (complimentary tickets)
- Voices Foundation (complimentary tickets)
- MADC (complimentary tickets)
- Donations in Memory of Mrs Emma Berry (Mr Paul Berry)
- Donations in Memory of Mr Carmel Hili (Mrs M'Dolores Hili)
- Tramici (venue for aerobics)
- Mr Peter Paul Galea from Tribali (World Down Syndrome Day)
- Best Print Co. Ltd



*Grazzi mill-qalb!*

# Participation of athlete with Down Syndrome at the Special Olympics National Games in Cyprus

Earlier this year Special Olympics Malta were invited to participate and compete at the Special Olympics National Games in Cyprus. These games were held from the 9th -16th April, 2016.



A total of 16 athletes were given their first opportunity to represent their country in Athletics, Aquatics (Swimming) and Cycling competitions. Special Olympics Greece were also invited for these games.

Six (6) Aquatics athletes with Down Syndrome, four (4) Females and two (2) Males, took part in the swimming competitions in the following events.



Maria Pia Saliba was the first ever Gozitan athlete to represent Gozo in the history of Special Olympics Malta.

In total these athletes won 9 Gold medals, 3 Silver medals, 1 Bronze and 4th place medals respectively.

**Elaine Bonnici**
*Sports Director*
*Special Olympics Malta*





| Athletes Names | Age | Events Competed | Medal Won |
|---|---|---|---|
| Maria James | 14 | 50M Freestyle<br>25M Breaststroke<br>4 x 50M Freestyle | GOLD<br>GOLD<br>GOLD |
| Maria Pia Saliba | 17 | 50M Backstroke<br>25M Butterfly<br>4 x 50M Medley | BRONZE<br>SILVER<br>GOLD |
| Olivia Bonett | 16 | 25M Butterfly<br>25M Backstroke<br>4 x 50M Medley | GOLD<br>SILVER<br>GOLD |
| Roseline Bonello | 19 | 25M Backstroke<br>25M Freestyle<br>4 x 50M Medley | GOLD<br>GOLD<br>GOLD |
| Jean Paul Fenech | 25 | 50M Freestyle<br>25M Freestyle<br>4 x 50M Freestyle | GOLD<br>GOLD<br>GOLD |
| Peter Fenech | 26 | 25M Freestyle<br>25M Backstroke<br>4 x 50M Freestyle | $4^{th}$<br>SILVER<br>GOLD |

# Diskors Amministrattiv tas-Segretarju Ġenerali 20 ta' Mejju 2016

Għaddew sentejn mill-ħatra ta' dan il-Kumitat, dan ifisser li t-terminu tal-Kumitat preżenti wasal fl-aħħar. Dan ifisser ukoll li l-Għaqda qed terġa' tistieden il-membri kollha biex ikunu aktar attivi u jieħdu aktar interess f'dak kollu li qiegħed isir biex naraw l-Għaqda timxi aktar 'il quddiem għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Waqt din il-laqgħa sejrin nisimgħu dettalji tal-ħidma li saret is-sena li għaddiet u l-qagħda finanzjarja tal-Għaqda, barra li nivvutaw għall-membri ġodda biex jieħdu posthom fil-kumitat. Forsi naraw uċuħ ġodda fil-kumitat li jkunu f'pożizzjoni li jikkontribwixxu ideat ġodda ta' ċertu valur għall-avvanz tal-Għaqda u gwadan għat-tfal tagħna li għandhom id-Down Syndrome.

Ħafna min-nies fil-kumitat ilhom iservu għal bosta snin u jagħmel tajjeb li l-kumitat jiġġedded kif rajna dawn l-aħħar sentejn kemm bħall-membri ġodda fil-kumitat u kemm bħal 'helpers'. B'danakollu nixtiequ naraw aktar nies jersqu 'l quddiem biex jagħtu servizz fil-kumitat għall-ġid ta' kulħadd, mhux biss għall-membri imma wkol għal dawk li mhumiex.

Biex l-Għaqda tkompli tiġġedded wara aktar minn ħamsa u għoxrin sena ħidma bħala segretarju, deherli li wasal iż-żmien li jiġi appuntat segretarju ġdid biex jieħu posti għax mhinix fil-pożizzjoni li nkompli.

Inkunu qed nonqsu jekk ma nappellawx il-membri preżenti, u anki dawk li mhumhiex, biex ħadd ma jibqa' lura milli jressaq xi suġġerimenti jew problemi li jolqtu lill-persuni b'Down Syndrome u li jħossu li l-kumitat jista' jaħdem fuqhom.

Huwa ferm importanti, kemm għall-membri u kemm għall-Għaqda, li l-interess, il-parteċipazzjoni u s-sapport fix-xogħol tal-Kumitat jibqa' ħaj biex il-Kumitat ikompli jistinka għall-benefiċċju tal-persuni li għandhom id-Down Syndrome.

### Sotto Kumitat għall-Attivitajiet

Is-Sotto Kumitat biex jieħu ħsieb l-attivitajiet kien ferm importanti għaliex b'dan il-mod l-Għaqda tkun f'pożizzjoni aħjar biex torganizza u toffri attivitajiet matul is-sena kollha, b'ideat ġodda u għajnuna biex intellgħu attivitajiet ħalli nakkomodaw lil kulħadd. Dan kien rifless fl-attivitajiet li ġew organizzati din l-aħħar sena ta' dan il-kumitat. Nisperaw li l-kumitat il-ġdid jibqa' jħoss il-bżonn ta' dan is-sotto kumitat għall-ġid tal-Għaqda.

Is-sotto kumitat għall-attivitajiet huwa magħmul minn seba' persuni, fosthom tliet membri tal-kumitat ċentrali taħt it-tmexxija tas-Sinjura Debbie Borg bħala Chairperson.

### Kalendarju bl-attivitajiet

Biex il-membri jkunu jafu bil-quddiem l-attivitajiet li l-Għaqda tkun sejra torganizza matul is-sena tfassal kalendarju bl-attivitajiet li jkunu fil-ħsieb li jwettqu wara ħidma intensiva, diskussjonijiet bejn il-membri tas-sotto kumitat, il-Kumitat qabel ma' jiġi ċirkolat mal-membri kollha. Hekk wieħed ikollu stampa tal-attivitajiet li jkunu sejrin jiġu organizzati għall-membri kollha mill-Għaqda bil-quddiem.

### Radio Valo

Il-grupp ta' Radio Valo jiltaqgħu kull ġimgħa fiċ-Ċentru tal-Għaqda l-Belt Valletta. Il-Grupp ilu mwaqqaf madwar tliet snin u jieqaf jiltaqa' matul is-Sajf. Kulma jsir tkun deċiżjoni mifthema mill-grupp kollu wara diskussjoni bejniethom. Ix-xogħol tal-grupp jikkonsisti billi jiddeċiedu tema, jinġibdu ritratti biex minnhom isir video. Il-grupp huwa iggwidat minn persuna/i mħarrġa.

Grazzi għall-intervent tar-*Released Officer* u l-kuntatti li għamlet mas-sur Jason Micallef tal-Valletta 2018 u l-laqgħat li saru, is-Sur Micallef għamel *editing* mingħajr ħlas, tal-videos imtellgħin mill-membri ta' Radio Valo, mis-*Super One productions* u promozzjoni tar-Radio Valo fil-Valletta 2018.

### Jum Dinji tad-Down Syndrome – 21 ta' Marzu

Il-ġurnata bdiet biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fl-10 ta' filgħodu fil-Katidral ta' San Ġwann fil-kappella tas-sagramenti. Wara kulħadd inġabar fil-pjazza ħdejn il-Parlament u minn hemm, akkumpanjati fil-mixja minn Jean Paul tat-Tribali, bdiet l-'Awareness Walk' għall-Palazz tal-President fejn saret il-laqgħa kordjali mal-H.E. President ta' Malta. L-attività spiċċat b'ikla ġewwa *restaurant* il-Belt.

### Attivitajiet

Waħda mill-attivitajiet saret fl-Isplash and Fun Park, Baħar iċ-Ċagħaq, fit-8 ta' Lulju 2015. Il-prezz li tħallas kien jinkludi l-prezz tal-entratura, ikel ta' nofsinhar u te jew kafe fil-ħamsa.

L-ikla tal-Milied saret fil-Lukanda Bella Vista fil-18 ta' Diċembru 2015. L-ikla kienet *buffet* u l-mużika kienet f'idejn *Commander Jay Music Entertainment*. L-Għaqda ħallset hija stess għall-membri kollha li għandhom Down Syndrome u tfal taħt il-ħames snin.

Id-disco tal-Milied, li huwa tant mistenni mill-membri tagħna sar fil-Corinthia Marina Hotel Qawra sar fit-8 ta' Jannar 2016. Il-mużika waqt din l-attività ukoll kienet f'idejn *Commander Jay Music Entertainment*. Għal din l-attività l-Għaqda ma kinitx f'pożizzjoni li tħallas għall-membri li għandhom Down Syndrome.

Attività oħra, li hija ssir numru ta' snin, imtellgħa mill-President Onorarju Mrs Mary Runza, hija ta' sessjonijiet ta' *Carol Singing* fil-*Plaza Shopping Complex*, bil-grupp tagħha ta' kitarristi. L-għan tal-*Carol Singing* kien biex jinġabru fondi għall-benefiċċju tal-Għaqda.

Fit-23 ta' Mejju 2015, sar *tour* ta' sagħtejn ġewwa l-Imdina organizzata mill-Istitut tat-Turiżmu. L-Għaqda ħadem sehem flimkien ma' xi membri.

Bejn il-5 u s-7 ta' Ġunju 2015, ġie organizzat *weekend break* fil-*camping site* tal-Għarmier.

Bejn it-28 ta' Awwissu 2015 u t-2 ta' Settembru ġiet organizzata ġita għal-Lourdes.

Attivitajiet oħra: Live-in fiċ-Ċentru fil-lejla tan-Notte Bianca; *Halloween party*; parteċipazzjoni tal-Għaqda fil-*fun run* tal-President ta' Malta. Il-Membri li kienu qegħdin jipparteċipaw imxew minn Sta Venera sal-Belt.

Id-*disco* tal-Karnival sar fit-13 ta' Frar 2016 fil-Kumpless tal-Platinium Fitness Centre B'kara. Il-membri kienu maskarati u kien hemm numru sabiħ ta' membri għad-*disco*.

Saret diskussjoni fuq 'Supported Employment' għall-membri fiċ-Ċentru fis-27 ta' Marzu fis-sitta ta' filgħaxija. L-ispeaker kien Robert Gulia mill-'Malta Association of Supported Employment'.

## Servizzi tal-Għaqda

### Lezzjonijiet fil-Computers

Il-lezzjonijiet qed isiru regolari kull nhar ta' Ġimgħa bejn il-4.45pm sas-6.15pm fiċ-Centru tal-Għaqda l-Belt Valletta.

## Lezzjonijiet ta' *Aerobics*

Il-lezzjonijiet qed isiru fil-Platinum Fitness Centre B'kara kull nhar ta' Tlieta mill-5.00pm sas-6.00pm u huma miftuħin għall-membri kollha. Dawn il-lezzjonijiet huma popolari ħafna u bejn 15/20 persuna jkunu preżenti. Wieħed irid forsi jfakkar lill-ġenituri li meta joqgħodu fir-*restaurant* jistennew lit-tfal tagħhom ikunu jridu jordnaw xi ħaġa tal-ikel jew xorb fuq l-imwejjed okkupati biex nevitaw problemi li jistgħu jikkaġunaw li nitilfu l-użu tas-sala.

## Il-quddiesa tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar

Il-quddiesa ssir fiċ-Ċentru tal-għaqda filgħodu. Wara l-quddiesa jkun hemm te u kafe u tintlagħab it-tombla. Grazzi għal Pio Fenech, il-kordinatur tal-attività, l-attendenza żdiedet b'20 ruħ mill-Imtarfa Centre.

## Klinika tal-adulti

Ħafna membri qegħdin jibbenifikaw mill-Klinika Medica tal-Adulti bid-Down. Klinika li permess tagħha uliedna li għandhom 16-il sena u aktar ikollhom saħħithom immoniterjata. Dan kollu jibqa' jsir sena wara l-oħra matul ħajjithom kollha. Għalhekk huwa importanti li dawk minnkom li għadhom ma rreġistrawx ruħhom ma' din il-klinika, jagħmlu dan minnufih u dan għall-ġid ta' wliedkom. Dawk minnkom li tafu minn għandu 'l fuq minn sittax-il sena u mhuwiex irreġistrat ma' din il-klinika huwa mitlub biex tinfurmawhom b'din il-klinika u tħeġġuhom jirreġistraw.

Din il-klinika topera kull nhar ta' Sibt mill-Poliklinika ta' Birkirkara għall-benefiċċju tal-persuni kollha bid-Down Syndrome. L-iskop ewlieni tal-klinika hu li jsir *screening* mediku lil kull individwu bid-Down Syndrome mill-età ta' 16-il sena 'l fuq, fuq bażi annwali jew aktar spiss, skont il-bżonn tal-individwu. It-tabiba Dr. Dorothy Zammit u t-tim ta' nurses magħha qed jagħtu servizz professjonali u b'dedikazzjoni.

L-Għaqda minn dejjem kienet wara l-klinika tal-adulti u tħabatna ħafna biex il-ħolma tagħna ssir realtà. Sfortunatament ir-relazzjoni tal-Għaqda mad-diriġenti tal-Klinika għadhom mhux qegħdin tajbin u l-Għaqda qegħda tiġi mwarrba. Għalkemm saru ħafna tentattivi biex l-affarijiet jittranġaw u naħdmu f'daqqa, is-sitwazzjoni baqgħet oskura.

## Magażin

Il-magażin b'determinazzjoni kbira joħroġ darba fis-sena għall-ħabta tal-aħħar tas-sena, u għal kull ħarġa nippubblikaw 1500 kopja. 50 fil-mija tan-nefqa fuq il-pustaġġi jiġu mogħtija lura mill-Kummissjoni fuq applikazzjoni. Il-flus biex jitħallas dan il-magażin iridu jiġu mill-ġbir ta' fondi għax reklami biex intaffu l-ispejjeż tiegħu madniex insibu.

Nixtieq infakkar fil-bżonn kbir li jeżisti biex nirċievu xi esperjenzi, ritratti u/jew xi artikli sabiex jiġu ippubblikati fil-magażin. Jekk ikollkom bżonn ta' xi għajnuna, il-membri tal-kumitat ikunu lesti jgħinukom b'xi kitba u/jew intervista jekk hemm bżonn, fid-dar tagħkom stess.

## *Social Club*

Il-kumitat huwa kommess li b'xi mod jew ieħor isir *club* għall-membri tagħna, fejn ikunu jistgħu jissoċjalizzaw ma' xulxin u jibdew isiru disco parties f'dan il-post li jrid ikun ukoll aċċessibbli għal kulħadd. Sa issa, għalkemm saru ħafna sforzi, il-ħolma ma saritx realtà. Flus li l-Għaqda akkwistat mill-aħħar edizzjoni tal-kunċert tal-Voices għal dan l-għan ġew mwarrba biex xi darba jintużaw għal dan il-għan meta jiġi l-mument.

### Laqgħat tal-President

Il-President tal-Għaqda, waħeda jew akkumpanjata minn xi membru tal-kumitat u r-*Release Officer*, ħadu sehem f'diversi laqgħat li irrigwardjaw diversi temi jew proġetti, u ħadu sehem f'diversi programmi fuq il-mezzi tax-xandir, li kienu ta' interess jew importanza għall-Għaqda u l-membri kollha tal-Għaqda.

### Xogħol tar-*Released Officer*

Ir-*Released Officer* ġiet appuntata fl-1 ta' Frar 2015. Hija ippreżentat rapport ta' ħidma tal-ewwel disa' xhur fil-kumitat tat-tlettax ta' Jannar 2016. Ir-rapport wera numru ta' xogħlijiet li ġew assenjati mill-President tal-Għaqda, sensiela ta' avviżi, ċirkularijiet u avviżi lill-membri kollha. Wera ukoll il-laqgħat li attendiet anki barra l-ħin tax-xogħol tagħha, intervisti fuq il-mezzi ta' xandir u *training seminars*, *workshops* u konferenzi. Parti minn xogħolha huwa ukoll li tattendi l-laqgħat ta' Radio Valo biex tgħin fil-produzzjoni tal-*videos*.

### Konklużjoni

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lilkom preżenti talli ġejtu llum u lill-membri kollha tal-Kumitat u l-familji tagħhom tal-paċenzja li jiehdu u s-sapport tagħhom, il-*helpers* għall-ħidma tagħhom fi ħdan l-Għaqda u għall-benefatturi kollha tal-Għaqda li mingħajrhom ma nkunux nistgħu niffinanzjaw proġetti biex inħallsu l-ispejjeż ta' kuljum biex immexxu l-Għaqda 'il quddiem.

**Antoine Gauci**
*Segretarju*

## Nota għall-attenzjoni tagħkom

**L-Assoċjazzjoni Down Syndrome ħadmet ħafna għal snin twal biex titwaqqaf il-Klinika għall-Adulti Down Syndrome (Adult Down Syndrome Clinic).**

**Il-Klinika qiegħda tiffunzjona**

**Int irreġistrajt ruħek ma' din il-klinika?**

Jekk le ċempel **21494960**

jew ibgħat e-mail fuq **dsc.mhec@gov.mt**

MIDDLE SEA ADVERT
Full Page Colour
still to get